TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Alison u Matthew Zammit Field**

**vs**

**Power House u RC Collection Limited**

**CCT 140/22/MS**

30 ta' Awwissu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-20 ta' Settembru 2022 fejn talbu r-rifuzjoni ta' tlett mitt euro (€300.00), prezz ta' sodda (*white metal bunkbed*) mixtrija mill-azjenda/ socjeta' intimata, liema sodda bdiet tissaddad wara sitt xhur jew inqas.

Ra li s-socjeta/ azjenda intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlet l-ebda risposta, pero' Ranier Scerri, rapprezentant fi hdan is-socjeta' intimata, xehed f'dawn il-proceduri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti xtraw sodda ghal prezz ta' tlett mitt euro. L-ewwel hallsu depozitu ta' disghin euro umbaghad hallsu l-bilanc meta wasslet is-sodda. Wara ftit xhur, is-sodda bdiet ittella' s-sadid u kellmu lill-kumpanija li min-naha taghhom, tawhom numru u kellmu lil xi hadd li weghdhom li ha jkellmuhom lura, pero' ma gara xejn minn dan u thallew lampa stampa. Matthew Zammit esebixxa numru ta' messaggi li ntbghatu bejn Mejju u Lulju 2022 illi jikkorroboraw dan il-fatt. Gew esebiti wkoll ritratti tas-sodda li juru s-sadid in kwistjoni. Ir-rikorrent qal illi xtaq jasal maghhom bil-kelma t-tajba izda dan ma kienx possibbli.

Xehdet ukoll ir-rikorrenti Alison Zammit illi qalet illi l-ahhar illi kellmuhom, huma qalulhom li ha jkollhom imorru ghand il-konsumatur, u s-*sales person* tal-kumpanija stess qalilhom biex jaghmlu hekk.

Illi xehed ukoll Ranier Scerri min-naha tas-socjeta' / azjenda intimata illi qal illi r-ritratti juru corrosion, izda mhux sadid. Qal ukoll illi l-kumpanija m'ghandhiex tkun

responsabbli ghal sadid ghaliex is-sadid johrog rizultat ta' reazzjoni minhabba l-umdita' fil-kamra. Qal ukoll illi hu qatt ma mar fuq il-post ghax ma kellux cans peress illi r-rikorrenti mill-ewwel xtaqu jiehdu l-kaz ghand il-Konsumatur. Mistoqsi kif seta' jispjega l-fatt illi fil-kamra hemm hafna affarijiet ohra tal-metall li ma ssaddux, hu wiegeb illi ma jafx.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, r-rikorrenti qeghdin jitolbu r-rifuzjoni ta' tlett mitt euro, prezz ta' sodda li nxtrat mill-azjenda/ socjeta' intimata, liema sodda ssaddet wara ftit xhur ta' uzu. Min-naha tieghu, l-intimat jargumenta illi l-azjenda/ socjeta' intimata m'ghandhiex tkun responsabbli ghas-sadid, ghaliex dan m'ghandux jaqsam mal-kumpanija izda hija xi haga li tigi mill-ambjent tal-kamra.

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi kuntrarjament ghal dak li qal l-intimat, ir-rikorrenti stennew erba' xhur sakemm irrikorru ghal dawn il-proceduri u ghalhekk, jekk ried, l-intimat kellu bizzejjed cans illi jmur fuq il-post biex jara s-sitwazzjoni. Huwa principju ben saput illi min jallega irrid jipprova, u jekk l-intimat kien qed jikkontendi illi s-sadid kienet rizultat ta' umditat fil-kamra, missu mar fuq il-post, jew ahjar gab tekniku fuq il-post biex jikkonferma dak li qed jallega. Dan m'ghamlux u minflok baqa' ma ghamel assolutament xejn biex jipprova jsolvi din il-vertenza. Terga' u tghid, l-intimat, fix-xhieda tieghu, jikkontradixxi lilu nnfisu ghaliex ghall-ewwel innega illi hemm sinjali ta' sadid umbaghad fl-istess nifs qal illi l-kumpanija m'ghandhiex tahti ghas-sadid u li din tkun ikkawzawta mill-umdita.

It-Tribunal ghandu quddiemu ritratti li juru l-istat dizastruz tas-sodda li hija mimlija sadid. Dan gara wara ftit xhur biss. Fin-nuqqas ta' prova ohra, it-Tribunal huwa sodisfatt illi s-sadid huwa rizultat ta' diffett latenti fis-sodda u ghalhekk jidhirlu illi r-rikorrenti ppruvaw l-istanza taghhom sal-grad li trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-azjenda intimata/ socjeta' intimata in solidum bejniethom, jirrifondulhom is-somma ta' tlett mitt euro. Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda/ socjeta' intimata, li jkollha d-dritt illi tiehu lura is-sodda mertu tal-kaz wara li jsir id-debitu hlas.

**Michela Spiteri LL.D.**
**Arbitru**